C/2023/591

6.11.2023

Avviż dwar il-ħolqien ta' ċerti Kwoti Tariffarji skont il-miżura ta' salvagwardja tal-azzar b'rabta mal-emenda għar-Regolament (UE) 2020/2170

(C/2023/591)

Fil-31 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet miżura definittiva ta' salvagwardja fuq ċerti prodotti tal-azzar (ir-"Regolament ta' Salvagwardja Definittiva") ([1]).

Fit-3 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni adottat att delegat fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni għal ċerti prodotti ttrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq ([2]). Skont dan l-att, ċerti prodotti tal-azzar li joriġinaw mir-Renju Unit u jintbagħtu direttament minn partijiet oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq jenħtieġ li jitħallew jibbenefikaw mill-Kwoti Tariffarji ("TRQs") rilevanti tal-Unjoni meta jiġu ttrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq. F'każ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jippreżentawx oġġezzjonijiet fi żmien 2-il xahar, sat-3 ta' Diċembru 2023, dan ikun jeħtieġ li l-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tiġi emendata billi jinħolqu TRQs iddedikati għat-trasferimenti ta' ċerti kategoriji ta' prodotti tal-azzar, kif kopert fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni, li joriġinaw mir-Renju Unit u li jiġu kkonsenjati direttament minn partijiet oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq.

1. Kamp ta' applikazzjoni tal-prodott

L-emenda għall-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tikkonċerna ħames kategoriji ta' prodotti: Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Sħana ([3]) (kategorija 8), Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bil-Kesħa ([4]) (kategorija 9), Żbarri tar-rinforz ([5]) (kategorija 13), Tubi Kbar Iwweldjati ([6]) (kategorija 25A) u Wajer Mhux Illigat ([7]) (kategorija 28).

2. L-iskop tal-proċediment

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proċediment huwa limitat għall-ħolqien ta' żewġ TRQs iddedikati għat-trasferimenti tal-kategoriji 8, 9, 13, 25A u 28 li joriġinaw fir-Renju Unit u jintbagħtu direttament minn partijiet oħra tar-Renju Unit lejn l-Irlanda ta' Fuq.

3. Metodoloġija

Il-Kummissjoni tqis li l-aktar metodoloġija xierqa biex jiġi kkalkulat il-volum għal dawn it-TRQs ġodda jenħtieġ li tkun din li ġejja:

a) Li tintuża d-*data* statistika disponibbli ([8]) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2022;

b) Li d-*data* tiġi annwalizzata biex jinkiseb il-volum li jikkostitwixxi t-TRQ għal sena;

c) Li jiġu allokati l-volumi proporzjonati trimestralment għall-għadd ta' jiem f'kull trimestru.

Fid-dawl tal-metodoloġija ta' hawn fuq, l-Anness I ta' dan l-Avviż fih il-volumi tat-TRQ li jirriżultaw għal kull kategorija u oriġini tal-prodott fuq bażi annwali.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2023 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) 2020/2170 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni għal ċerti prodotti tal-azzar ittrasferiti lejn l-Irlanda ta' Fuq (C(2023) 6691) (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Kodiċijiet NM (għall-informazzjoni): 7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00.

([4]) Kodiċijiet NM (għall-informazzjoni): 7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80.

([5]) Kodiċijiet NM (għall-informazzjoni): 7214 20 00, 7214 99 10.

([6]) Kodiċijiet NM (għall-informazzjoni): 7305 11 00, 7305 12 00.

([7]) Kodiċijiet NM (għall-informazzjoni): 7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90.

([8]) *Data* disponibbli mis-sistema elettronika stabbilita fuq il-bażi tal-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015.

3.1. ***Preżentazzjonijiet bil-miktub***

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati jikkummentaw esklussivament dwar it-TRQs ġodda proposti li jirriżultaw mill-adattament. L-ambitu tal-kummenti għandu jkun limitat għall-metodoloġija applikata sabiex jiġu adattati t-TRQs.

Kull preżentazzjoni, u evidenza ta' sostenn, iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien **10 ijiem** mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3.2. ***Preżentazzjoni ta' informazzjoni u estensjoni għal limiti ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika***

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss informazzjoni fil-perjodi ta' żmien speċifikati f'din in-Notifika. Kwalunkwe estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti f'din in-Notifika tista' tintalab biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u tingħata biss jekk tkun debitament iġġustifikata. L-estensjonijiet eċċezzjonali debitament iġġustifikati tal-iskadenza għall-preżentazzjoni normalment ikunu limitati għal **tlett ijiem addizzjonali**.

3.3. ***Struzzjonijiet biex isiru l-preżentazzjonijiet bil-miktub***

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fost il-preżentazzjonijiet u t-trattament u l-valutazzjoni rapidi tagħhom, il-Kummissjoni fasslet **Mudell li l-partijiet għandhom jużaw meta jippreżentaw il-kummenti tagħhom**. Il-mudell huwa disponibbli bħala l-Anness II ta' dan l-Avviż.

L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni għall-fini ta' proċediment tad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew data soġġetta għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u d-data għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet bil-miktub kollha pprovduti mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati "*Limited*" ([9]) (Ristretti). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni "*Limited*" (Ristretta) huma meħtieġa jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-UE 2015/478 ([10]) u l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-UE 2015/755 ([11]), li jiġu mmarkati "*For inspection by interested parties*" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Dawk is-sommarji jenħtieġ li jkunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali u jridu jaslu għand il-Kummissjoni fl-istess ħin tal-verżjoni "*Limited*" (Ristretta).

Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u tal-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jagħmlu l-preżentazzjonijiet kollha u t-talba tagħhom permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi prokuri skennjati. Meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" (Korrispondenza mal-Kummissjoni Ewropea f'każijiet ta' difiża tal-kummerċ) ippubblikat fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf

Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika validu u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tan-negozju uffiċjali li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux espliċitament li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta rreġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inkluż il-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet permezz ta' TRON.tdi, il-partijiet interessati jenħtieġ li jikkonsultaw l-istruzzjonijiet tal-komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

([9]) Dokument "Limited" (Ristrett) huwa dokument li jitqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/478, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/755 u l-Artikolu 3.2 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji. Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

([10]) ĠU L83, 27.03.2015, p.16.

([11]) ĠU L123, 19.5.2015, p.33.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G, unit G5
Office: CHAR 03/66
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://webgate.ec.europa.eu/tron/tdi

Indirizz elettroniku: TRADE-SAFE009-REVIEW@ec.europa.eu

4. **Skeda**

L-għan huwa li l-emenda tal-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tal-UE tkun fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2024.

5. **L-Uffiċjal tas-Seduta**

L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess tal-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għall-estensjoni tal-limiti taż-żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-difiża tal-partijiet interessati u terzi persuni, li jistgħu jinqalgħu matul il-proċediment.

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu intervent mill-Uffiċjal tas-Seduta. Fil-prinċipju, dawn l-interventi għandhom ikunu limitati għall-kwistjonijiet li jaf ifeġġu matul il-proċediment attwali.

Jenħtieġ li t-talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/

6. **L-ipproċessar ta' *data* personali**

Kwalunkwe *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]).

Avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/html/157639.htm

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L295, 21.11.2018, p.39).

ANNESS I

Volumi tal-kwoti tariffarji

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-Prodott	Kodiċijiet NM	Allokazzjoni skont il-pajjiż (Fejn Applikabbli)	Sena 6		Rata tad-dazju addizzjonali
				Mill-1.1.2024 sal-31.3.2024	Mill-1.4.2024 sat-30.6.2024	
8	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bis-Sħana	7219 11 00, 7219 12 10, 7219 12 90, 7219 13 10, 7219 13 90, 7219 14 10, 7219 14 90, 7219 22 10, 7219 22 90, 7219 23 00, 7219 24 00, 7220 11 00, 7220 12 00	Pajjiżi oħra	108 314,26	108 314,26	25 %
			Ir-Renju Unit (għall-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit)	13,13	13,13	25 %
9	Folji u Strixxi tal-Azzar Inossidabbli Llaminati bil-Kesħa	7219 31 00, 7219 32 10, 7219 32 90, 7219 33 10, 7219 33 90, 7219 34 10, 7219 34 90, 7219 35 10, 7219 35 90, 7219 90 20, 7219 90 80, 7220 20 21, 7220 20 29, 7220 20 41, 7220 20 49, 7220 20 81, 7220 20 89, 7220 90 20, 7220 90 80	Ir-Repubblika tal-Korea	49 010,58	49 010,58	25 %
			It-Tajwan	45 449,15	45 449,15	25 %
			L-Indja	30 376,69	30 376,69	25 %
			L-Afrika t'Isfel	26 432,63	26 432,63	25 %
			L-Istati Uniti	24 714,52	24 714,52	25 %
			It-Turkija	20 565,57	20 565,57	25 %
			Il-Malażja	13 029,20	13 029,20	25 %
			Pajjiżi oħra	52 263,55	52 263,55	25 %
			Ir-Renju Unit (għall-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit)	30,76	30,76	25 %

13	Vireg tar-rinforz	7214 20 00, 7214 99 10	It-Turkija	93 208,76	93 208,76	25 %
			Il-Federazzjoni Russa	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %
			L-Ukrajna	43 393,39	43 393,39	25 %
			Il-Bożnija-Ħerzegovina	33 531,95	33 531,95	25 %
			Ir-Repubblika tal-Moldova	28 025,13	28 025,13	25 %
			Pajjiżi oħra	136 103,03	136 103,03	25 %
			Ir-Renju Unit (għall-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit)	2 127,24	2 127,24	25 %
25.A	Tubi kbar iwweldjati	7305 11 00, 7305 12 00	Pajjiżi oħra	118 743,72	118 743,72	25 %
			Ir-Renju Unit (għall-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit)	13,70	13,70	25 %
28	Wajer Mhux Illigat	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90	Il-Belarussja	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %
			Iċ-Ċina	77 963,72	77 963,72	25 %
			Il-Federazzjoni Russa	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %
			It-Turkija	50 733,63	50 733,63	25 %
			L-Ukrajna	38 259,97	38 259,97	25 %
			Pajjiżi oħra	48 776,62	48 776,62	25 %
			Ir-Renju Unit (għall-Irlanda ta' Fuq minn partijiet oħra tar-Renju Unit)	187,47	187,47	25 %

ANNESS II

MUDELL GĦALL-PREŻENTAZZJONIJIET

1. F'każ li jkollok xi kummenti rigward il-metodoloġija spjegata fit-Taqsima 3 tal-Avviż, spjega, **fil-Kaxxa ta' hawn taħt u f'massimu ta' żewġ paġni**, ir-raġunijiet għal dan u pprovdi metodoloġija alternattiva. Jekk tixtieq tipprovdi metodoloġija alternattiva lill-Kummissjoni għall-ikkalkular tal-volumi tat-TRQs, jekk jogħġbok ehmeż il-kalkoli riveduti li jirriżultaw minnha **f'fajl Excel separat**.

2. Qed nehmeż fajl separat bil-kalkoli Excel (immarka l-kaxxa jekk xieraq)

A) Raġunijiet għal metodoloġija alternattiva:

B) Metodoloġija alternattiva: